MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2009

Citazzjoni Numru. 851/2007

**Alert Communications Limited**

**vs**

**MPPS Solutions Limited**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

**Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' Alert Communications Limited** fejn Claudine Cassar,

debitament awtorizzata fil-kwalita' taghha ta' direttrici ghan-nom u fl-interess tas-socjeta' rikorrenti bil-gurament taghha tikkonferma:

1. Illi l-kumpanija intimata hija debitrici tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta' tlettax-il elf u disghin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm13,090.13), rapprezentanti prezz ghal servizzi rikjesti mis-socjeta' intimata skond il-ftehim u debitament fornuti mis-socjeta' rikorrenti, u dana kif jidher minn kopja ta' l-invoices hawn annessa u mmarkat bhala Dok. "AC1";

2. Illi l-kumpanija intimata, minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex thallas, baqghet inadempjenti;

3. Illi d-debitu hawn imsemmi huwa cert, likwidu u dovut u l-kumpanija intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti ghat-talba rikorrenti anke in vista ta' l-affidavit hawn anness u mmarkat bhala Dok. "AC2".

Tghid ghalhekk is-socjeta' intimata ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti, in vista tas-suespost tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba rikorrenti bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini ta' l-Artikolu 167 et seq. tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap. 12, tal-Ligijiet ta' Malta) u tikkundana lill-kumpanija intimata thallas lill-kumpanija rikorrenti s-somma ta' tlettax-il elf u disghin lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm13,090.13), rapprezentanti prezz ghal servizzi rikjesti mis-socjeta' intimata u debitament fornuti mis-socjeta' rikorrenti.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-hrug tal-mandati opportuni u bl-imghaxijiet legali, kontra l-kumpanija intimata li d-diretturi u r-rapprezentanti taghha huma ngunti minn issa in subizzjoni.

Rat id-digriet ta' dina l-Qorti tat-12 ta' Ottubru 2007 li bih kkoncediet lill-intimati d-dritt li jikkontestaw il-kawza u fil-waqt li ordnat li l-kawza timxi bil-procedura normali, awtorizzat lill-intimati jipprezentaw ir-risposta guramentata taghhom.

**Rat ir-risposta ta' MPPS Solutions Limited a fol. 26 fejn Arthur Arakelyar bil-gurament tieghu jikkonferma u bir-rispett jeccepixxa:**

1. Illi t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante illi l-partijiet kienu ftehmu fuq diversi servizzi li kellhom ikunu minghajr hlas u bhala fatt dawn is-servizzi bla hlas issa gew servuti fatturi ghalihom;

2. Illi di piu u minghajr prejudizzju ghas-suespost certi servizzi kellhom ikunu bil-hlas meta jibdew jintuzaw biss u dawn servizzi bhala fatt ma kienux bdew jintuzaw u ghalhekk ir-rikorrenti ma kellhiex dritt li tibghat kontijiet ghal dawn is-servizzi;

3. Illi di piu u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kienu ftehmu fuq rati u prezzijiet illi dawn ir-rati u prezzijiet kienu fost l-ohros fl-Ewropa u l-esponenti wara li dahal f'dan il-kuntratt buona fede irrizultalu illi kien hemm diversi ditti li kellhom prezzijiet u rati ferm irhas minn dik offruta mis-socjeta' rikorrenti.

**Risposta ulterjuri tas-socjeta' konvenuta a fol. 63 fejn eccepiet bir-rispett u Olena Tretyak bil-gurament taghha kkonfermat:**

In-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti in vista tal-fatt illi skond il-kondizzjoni pattwita bejn il-partijiet fil-klawsola numru 17.2 fil-kuntratt datat 6 ta' April 2006 li ghamlet referenza ghaliha ix-xhud Claudine Cassar, kwalunkwe disgwid kellu jigi regolat bil-procedura ta' l-Arbitration.

**Rat id-decizjoni preliminari taghha tat-30 ta' April 2008 a fol. 93** li biha dina l-Qorti cahdet l-eccezzjoni ta' konvenuti dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dina l-Qorti minhabba l-klawsola arbitrali.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Rat in-nota' tas-socjeta' rikorrenti.

**Konsiderazzjonijiet**

F'dan il-kaz is-socjeta' rikorrenti qed titlob is-somma ta' Lm13,090.13 rapprezentanti prezz ghal servizzi rikjesti mis-socjeta' intimata skond ftehim Dok. AC3 a fol. 71 u invoice Dok. AC1 a fol. 3.

Illi l-kumpanija intimata kienet iffirmat kuntratt Dok. AC3 li bih hi kellha tinghata minghand is-socjeta' rikorrenti diversi servizzi fosthom dawk ta' *servers, co-location u bandwith.* Is-servers kienu nxtraw mis-socjeta' rikorrenti u l-intimati kellhom ihallsu ghalihom bil-*hire purchase*. Is-servizzi kollha kellhom jithallsu a bazi tat-tariffi li jinsabu a fol. 9 u 10 tal-ftehim. Skond ir-rikorrenti l-hlas tas-servers kellu jibda mill-15 ta' April 2006 mentri dak tal-co-location u tal-bandwith kellu jibda' mis-6 ta' Gunju 2006. Ma kellux isir ebda pagament qabel ma s-servers jigu *fully set-up u* jibdew jahdmu.

Fl-eccezzjonijiet taghhom l-intimati qed jikkontendu li l-partijiet kienu ftehmu fuq diversi servizzi li kellhom ikunu minghajr hlas u bhala fatt ghal dawn is-servizzi bla hlas inhargu fatturi.

Claudine Cassar, ghar-rikorrenti xehdet li ma kien hemm ebda ftehim fis-sens li qed ighidu l-intimati anzi l-ftehim li gie ffirmat bejnithom jelenka l-hlasijiet li jridu jsiru ghal kull tip ta' serivzz li huma jipprovvdu. L-unika haga li offrew b'xejn kienet l-ewwel xaghrejn u fil-fatt ma nharigx statement ghalihom. Il-ftehim gie ffirmat fis-6 ta' April 2006 u l-invoices jibdew minn Gunju.

L-intimati qed jeccepixxu wkoll li certi servizzi kellhom ikunu bil-hlas biss minn meta jibdew jintuzaw u dawn servizzi, u skond l-intimati, bhala fatt ma bdewx jintuzaw. Huma jirritjenu li l-progett qatt ma nbeda u ma sar ebda negozju minn dawn is-servers (ara affidavit ta' Arthur Arakelyan a fol. 125).

Claudine Cassar, ghas-socjeta' rikorrenti xehdet li l-intimati kellhom jibdew ihallsu tas-servers mill-15 April

2006 u tal-co-location u bandwith mis-6 ta’ Gunju 2006 (ara e-mails tal-15.5.2006 u tal-27.6.2006). Mistoqsija jekk is-socjeta’ rikorrenti kienitx bdit ticcargja lill-kumpanija intimata qabel dawn is-servizzi bdew jintuzaw ix-xhud wiegbet li huma bdew jiccargjaw minn meta l-intimati nghataw is-servizz li huma uzaw. Kien fuq insistenza ta’ l-intimati, u hawn ix-xhud semmiet lill Maria Vinogradova, il-project manager ta’ l-intimati, li nsistiet li jinghataw l-access u huma kienu tawhom access ghas-servers mis-6 ta’ Gunju 2006. L-intimati bdew juzaw is-servers minn dakinhar. Kienu tawhom ir-route login-in, il-usernames, il-passwords u l-intimati biss kellhom access ghal dawn is-servers. Gew ezibiti Activity Report u Bandwith Graph (ara fol. 30/31) li jindikaw li kuntrarjament ghal dak li qed isostnu l-intimati huma kienu qed jaghmlu uzu mis-servers.

Claudine Cassar giet mistoqsija jekk Arthur Arakleyan kienx taha l-go ahead biex tibda bis-servizz, u hi wiegbet li l-intimati kienu talbu ghas-servizz u bdew jaghmlu uzu mis-servers u kienu ghaddejin e-mails bejn l-intimati u l-kumpanija rikorrenti fejn mhux biss kien jidher li qed isir uzu mis-servers imma kienu qed jitolbu wkoll ghall-assistenza teknika taghhom u anke jaghmlu ordnijiet ghall-accessorji u hardware. B’dana kollu gie infurmat Arthur Arakeljan u kien jaf b’dan is-servizz billi l-e-mails kienu jintbghatu lill project manager tieghu u jigu copied lilu (ara fol. 37 sa 39). Tant kien jaf dan Arakeljan li sahansitra hallas ghall- hardware extra li kienet qed jintalab mill-kumpanija tieghu, hu kien japprova l-cost, johrog purchase order u jhallas b’cheque. Ghalhekk jirrizulta car li mis-6 ta’ Gunju 2006 s-servers kienu qed jintuzaw u l-intimati bdew jigu *billed* ghal dawn is-servizzi pprovduti (ara fol. 37).

Ir-rikorrenti kienu talbu lill-intimati biex ihallsu, izda Arakelyan kien talab zmien lir-rikorrenti u jiehdu pacenzja billi kien qed jistenna il-PCI assessment, u fil-fatt huma tawh zmien biex jaghmel dana t-test izda meta t-test sar b’success f’Settembru 2006 l-intimati l-istess baqghu ma hallsux u r-rikorrenti regghu tawhom aktar zmien biex forsi jirrangaw izda ghalxejn ghax ma hallsux. Arakelyan baqa’

jghid li ma kienx qed juza s-servers meta kien hemm provi dokumentarji li l-intimati kienu ilhom juzaw dawn is-servers bla ma jhallsu mis-6 ta' Gunju 2006. Kull xahar ir-rikorrenti kienet jiehdu *printouts* biex jaraw li s-servizz kien qed jahdem u li l-intimati kienu qed jbieghu minn fuq is-servers.

L-intimati qed jeccepixxu wkoll li l-partijiet kienu ftehmu fuq rati u prezzijiet illi suppost kienu fost l-ohros fl-Ewropa izda skond l-intimati wara rrizultalhom illi kien hemm diversi ditti li kellhom prezzijiet u rati ferm irhas minn dawk offruti mis-socjeta' rikorrenti. Illi l-Qorti tirrileva li l-intimati bl-ebda mod ma ssostanzjaw bi provi konkreti din l-allegazzjoni dwar rati orhos ta' ditti ohra. Fit-tieni lok ir-rikorrenti iccargjaw dawk il-fees li l-intimati kienu accettaw u li dwarhom kien hemm ftehim bil-miktub. Inoltre ghalkemm l-intimati jghidu li r-rati kienu gholjin, huma l-istess baqghu juzaw is-servers u jitolbu ghal servizz u technical support minghand ir-rikorrenti (ara e-mails tal-31.5.2006; 7.8.2006; 11.9.2006; 27.10.2006).

Kwantu ghal dak li semma Arakleyan fl-affidavit tieghu li l-ftehim kien limitat biss ghax-xiri ta' servers, jirrizulta mill-ftehim bejn il-partijiet li apparti s-servers, kien hemm servizzi ohra li s-socjeta' rikorrenti kellha tipprovvdi bi hlas u li l-intimati accettaw.

L-intimati issottomettew illi huma kienu itterminaw il-kuntratt izda r-rikorrenti l-istess baqghu jiccargjawhom ghas-servizz li huma ma kienux qed jiehdu. Illi rrizulta mill-provi mismugha minn dina l-Qorti li l-intimati mhux vera kienu tterminaw is-servizz anzi ghal kuntrarju l-Qorti hi konvinta li dawn riedu jkomplu jiehdu servizz bla ma jhallsu. Meta l-Qorti stiednet lir-rikorrenti biex jiskonnettjaw is-servizz, l-intimati ma semmewx li s-servizz kien gie terminat imma talbu zmien biex jikkunsidraw il-proposta u kien biss wara dika s-seduta li huma accettaw li s-servers jigu skonnettjati. Ir-rikorrenti ghalhekk kellhom ragun li ma jiskonnettjawx minn rajhom is-servers ghax l-intimati kienu ghad iridu l-ewwel jittrasferixxu l-files taghhom minn fuq s-server. Altrimenti kienu jigi rinfaccjati b'talba ghal-danni

mill-intimati minhabba telf ta' business kieku skonnettjawhom.

Kwantu ghal dak sottomess mill-intimati li huma ma hallsux tas-servers ghax l-account taghhom fil-bank kien gie *blocked,* ir-rikorrenti spjegaw lii huma kienu hargu s-sekwestru meta l-intimati kienu waqghu lura fil-pagamenti u ma kienux qed ihallsu ghas-servizz moghti. Il-mandat inhareg biss wara li l-intimati kienu inadempjenti. Il-pagamenti mill-intimati kienu waqfu qabel ma nhareg il-mandat mhux wara.

Dwar l-ilment ta' l-intimati li s-servers baqghu ghand ir-rikorrenti, il-Qorti tirrileva li l-kuntratt bejn il-partijiet jipprovdi li t-titolu ghas-servers kellhu jibqa' tar-rikorrenti dment li s-socjeta' intimata ma thallasx. Il-kuntratt ighid li "*Servers can be considered as a property of the service provider only if the client has outstanding balance for last three(3) months and not able to cover his debt in next 30 days*" (ara fol. 10 tal-ftehim).

Il-Qorti mhiex ser tidhol fil-kwistjoni tad-diversi offerti li saru mir-rikorrenti biex jaslu ghal soluzzjoni bonarja tal-vertenza, billi dawn ma kienux jorbtu, u kollox sar bla pregudizzju. L-intimati qatt ma accettaw dawn l-offerti li sarulhom u lanqas ma hallsu, anzi huma gabuhom bhala skuza biex ighidu li r-rikorrenti kienu qed jiccargjawhom fees astronomici.

Finalment kwantu ghall-allegazzjoni li r-rikorrenti ccargjaw lill-intimati wara li eventwalment gie terminat il-kuntratt il-Qorti tirrileva li r-rikorrenti qed jitolbu biss hlas sa Lulju 2007 u mhux oltre. Ghalhekk ma hemmx bzonn li jigi nominat xi espert tekniku f'dan ir-rigward kif intalab mill-intimati billi r-rikorrenti mhux qed jiccargjaw ghal perjodu wara Lulju 2007.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi

Billi, prevja li tichad l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimati;
Tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u
Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lill-kumpanija rikorrenti s-somma ta' Lm13,090.13 ossija tletin elf u erba' mija u wiehed u disghin Ewro u tmenin Ewro centezmu (Ewro 30,491.80) rapprezentanti prezz ghal servizzi rikjesti mis-socjeta' intimata u debitament fornuti mis-socjeta' rikorrenti.
Bl-ispejjez kontra l-konvenuti u bl-imghax legali mid-data ta' kull fattura sad-data ta' l-eventwali pagament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------